**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 357/21 AL

AB

Vs

Dr. Benjamin Valenzia u l-P.L. Jean-Pierre Busuttil ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti CDpermezz tad-digriet tad-9 ta' Settembru 2021

(MR Numru 10/2015)

Rat ir-rikors li gie ppreżentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti daħlu f'unjoni ċivili nhar it-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ġewwa r-Reġistru taż-Żwiġijiet ġewwa l-Belt Valletta, Malta, liema unjoni ċivili ġiet reġistrata bin-numru ta' referenza għaxra tas-sena elfejn u ħmistax (10/2015);

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz tal-kuntratt ta’ firda personali ppubblikat min-Nutar Dr. Clinton Bellizzi nhar l-erbatax (14) tas-sena elfejn u dsatax (2019) wara li ġie debitament awtorizzat minn din il-Qorti permezz tad-digriet tal-għaxra (10) ta’ Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Kopja tad-dokumenti kollha msemmija qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok D;

3. Illi kif imsemmi fil-kuntratt ta’ firda personali, il-partijiet ilhom jirrisjedu b’ mod separat sa’ minn Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u kwindi ’l fuq minn sena minn l-aħħar sentejn kif jirrikjedi l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt rispettiv tagħhom li jitolbu manteniment mingħand il-parti l-oħra u għalhekk m’hemmx pendenzi ta’ manteniment dovuti;

5. Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu ħajja kompletament separata minn xulxin tant illi l-intimat ilu żmien li telaq minn Malta b’mod permanenti;

6. Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi m’hemm l-ebda impediment għall-ħall tal-unjoni ċivili tal-partijiet b’mod definitiv;

Talab lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ/ unjoni ċivili bejn il-partijiet skont l-Artikolu 66D tal-Kap. 16.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ/ unjoni ċivili tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi odjerni.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati a fol 30 li permezz taghha esponew:

1. Illi l-Kuraturi Deputati mhumiex edotti mill-fatti;

2. L-istess Kuraturi Deputati jitolbu illi jinghataw l-ahhar indirizz maghruf tal-assenti u metodi ohra ta' kif jista' jigi kkuntatjat l-istess assenti (inkluzi indirizzi tal-emails, numri ta' telefons u/jew mobiles u anki profili ta' Facebook);

3. Illi ghandu jitla jixhed in-Nutar Clinton Bellizzi sabiex jikkonferma bil-gurament ilkuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet liema kuntratt huwa anness mar-rikors promutur;

4. Illi dina l- Qorti trid tkun sodisfatta illi jissussisstu skont il-Ligi dawk l-elementi ghall-pronunzja tal-hall taz-zwieg/unjoni civili bejn il-partijiet;

5. Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skont il-Ligi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2021;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Ottubru 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.